**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**DR. RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**
**MAĠISTRAT**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Mohammed Shurrab)**
**(Spettur Roxanne Tabone)**
**-Vs-**
**TAHA OSAMA ALI EDRIZ**

**Illum 23 ta' Mejju 2025**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkużi miġjuba kontra **TAHA OSAMA ALI EDRIZ** ta' 21 sena, iben Osama Edriz nee' Al Magdoub, detentur tal-permess tar-residenza Maltija bin-numru 0208462A, imwieled nhar it-13 ta' Ottubru 2003 ġewwa Tripoli, Libja, residenti ġewwa Centre Court, Block A, Flat 3, Triq il-Qasam, Swieqi, akkużat talli nhar it-22 ta' Mejju 2025 għall-ħabta ta' 12:45hrs ġewwa l-Arjuport Internazzjonali ta' Malta, Luqa, Malta:-

1. Dolożament xerridt aħbarijiet foloz illi x'aktarx jallarmaw lill-pubbliku jew jiksru l-bon-ordni pubbliku jew il-paċi pubblika inkella illi jġibu aġitazzjoni fost il-pubbliku jew fost xi klassijiet tal-pubbliku, liema tixrid ta aħbar falza irriżultat

u/jew ikkontribwixxiet għall-diżordni ġewwa l- u/jew f'inħawi oħra f'dawn il-gżejjer.

***Art 82 Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta***

2. Talli fl-istess data, ħin, lok, u ċirkostanzi, għamilt dikjarazzjoni li kont taf li kienet sostanzjalment falza, jew bi traskuraġni għamilt dikjararazzjoni li kienet sostanzjalment falza meta mistoqsi minn uffiċjal awtorizzat fuq xi valiġġi, tagħbija jew ħażniet (sew jekk dawn ikunu tiegħu sew ta' xi persuna oħra) li kienu jew kienu maħsuba li jinġarru minn ajruplan li jkun reġistrat jew jitħaddem f'Malta.

***Art 9(1) Kap 405 tal-Ligijiet ta' Malta***

Il-Qorti hija ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużat għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Semgħet lill-imputat jammetti li huwa ħati tal-imputazzjonijiet kollha;

Wissiet lill-imputati dwar il-konsegwenzi legali tal-ammissjoni tiegħu u tatu ħin biex jahseb sew dwar din id-dikjarazzjoni ta' htija u sabiex jerga' jikkonsulta mad-difensur tiegħu;

Semghet lill-imputat jikkonferma l-ammissjoni tal-htija tiegħu anke wara li ġie mwissi dwar il-piena erogabbli;

Rat l-atti kollha tal-proceduri;

Semgħet lill-Prosekuzzjoni tiddikjara li l-kommissjoni tar-reat taħt l-artikolu 82 tal-Kap. 9 ikkontribwixxa għal diżordni fost il-ħaddiema ossia groundhandlers fl-ajruport ta' Malta;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet dwar il-piena u semgħet lill-Prosekuzzjoni tiddikjara li fiċ-ċirkostanzi tal-każ tqis li l-piena ta' multa tkun waħda ideona;

Ikkunsidrat;

In vista tal-ammissjoni li giet registrata mill-imputat, liema ammissjoni del resto saret volontarjament u fil-presenza tal-Avukati difensuri tiegħu, tqis li l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tiegħu ġew debitament ippruvati u b'hekk l-imputat ghandu jinsab ħati tar-reati li ġie mixli dwarhom.

Ghall-fini tal-piena ħadet in konsiderazzjoni n-natura serja tar-reati li ġew kommessi mill-imputat, iżda wkoll il-fatt illi l-imputat irreġistra ammissjoni fl-iktar stadju bikri tal-proċeduri, kif ukoll il-fatt li għandu fedina penali kompletament netta.

Ikkunsidrat ukoll illi filwaqt li jista' jkun minnu li l-imputat tassew kien qed jiċċajta meta qal lill-groundhandlers fl-ajruport li saqsewh dwar il-kontenut tal-bagalja tiegħu, li kien fiha bomba, madankollu kull dikjarazzjoni bħal dik magħmula f'ambjent tal-avjazzjoni, fiha propensita' inerenti li tikkaġuna allarm u diżordni li huwa l-element materjali tar-reat fil-forma aggravat tiegħu taħt il-proviso tal-artikolu 82 tal-Kap. 9.

Il-Qorti ma tistax ma tosservax ukoll illi għalkemm piena ta' priġunerija ċertament ma tkunx piena xierqa fiċ-ċirkostanzi, ma tistax lanqas teroga l-piena ta' multa kif maħsub fil-proviso tal-artikolu 82 li huwa applikabbli in vista tad-dikjarazzjoni tal-Prosekuzzjoni li r-reat ikkontribwixxa għal diżordni fost il-groundhandlers fl-ajruport. Dan qed jingħad għaliex il-kliem tal-proviso ma jidhrix li jagħti diskrezzjoni lill-qorti biex tapplika biss il-piena ta' multa:-

*Iżda jekk xi diżordni jirriżulta bħala konsegwenza tar-reat, jew jekk ir-reat ikkontribwixxa għal xi diżordni, l-imputat jeħel priġunerija ta' mhux inqas minn xahar iżda mhux iżjed minn sitt xhur* ***u*** *multa li ma teċċedix elf euro (€1,000) jew dik il-multa u l-priġunerija flimkien.*

Kif taraha l-Qorti, il-kliem tal-proviso ma jagħmilx sens għaliex huwa evidenti li ħsieb tal-leġislatur kien li jipprovdi pieni alternattivi fuq sejbien ta' ħtija għar-reat aggravat kif maħsub fil-proviso, u għalhekk ma setax loġikament jistipola piena ta' "*priġunerija ta' mhux inqas minn xahar iżda mhux iżjed minn sitt xhur* ***u*** *multa li ma teċċedix elf euro",* u mbagħad, alternattivament, piena ta' "*dik il-multa u l-priġunerija flimkien*", għaliex iż-żewġ għażliet jissarrfu f'pieni li huma identiċi. Il-Qorti hija konvinta illi l-kelma "*u*" fl-ewwel parti tal-piena fil-proviso, ċioe' priġunerija *u* multa, intużat bi żball minflok il-kelma "*jew*" biex bħala piena għar-reat taħt l-artikolu 82 tal-Kap. 9 fiċ-ċirkostanzi maħsuba fil-proviso, il-Qorti tkun tista' tagħżel skont iċ-ċirkostanzi, piena ta' priġunerija, jew piena ta' multa, jew piena ta' priġunerija u multa flimkien. Dan qed jingħad minkejja illi jirriżulta li l-istess żball huwa manifestat ukoll fit-test Ingliż tad-dispożizzjonijiet tal-proviso tal-artikolu 82 tal-Kap. 9:-

"*... the offender shall be liable to imprisonment for a term of not less than one month but not exceeding six months and to a fine (multa) not exceeding one thousand euro (€1,000) or both such fine and imprisonment."*

Għalhekk sejra tordna li s-sentenza tinġieb a konjizzjoni tal-Ministru tal-Ġustizzja sabiex jieħu ħsieb, jekk jidhirlu hekk xieraq, li jsiru l-emendi meħtieġa biex id-dispożizzjonijiet tal-proviso jipprovdu alternattivi ta' piena li jagħmlu sens.

Illi fi kwalsiasi każ, peress illi l-istess att jagħti lok għall-ksur ta' żewġ dispożizzjonijiet tal-liġi u jikkostitwixxi reat taħt dispożizzjonijiet differenti tal-liġi, il-Qorti hija marbuta li tapplika l-piena tar-reat iktar gravi, li fi-każ in diżamina huwa r-reat taħt l-artikolu 9 tal-Kapitolu 405 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Att Dwar is-Sigurta' fl-Ajruportijiet u fl-Avvjazzjoni Ċivili. Dan l-artikolu jippunixxi r-reat ta' dikjarazzjonijiet foloz dwar valiġġi, tagħbija, eċċ li jkunu maħsuba li jinġarru minn ajruplan li jkun reġistrat jew jitħaddem f'Malta, b'multa ta' mhux iżjed minn

€4,658.75 jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sentejn, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Madankollu, fiċ-ċirkostanzi tal-każ inkluż il-fedina penali netta tal-imputat u l-ko-operazzjoni tiegħu fl-investigazzjonijiet tal-Pulizija fejn ammetta l-ħtija u esprima rimors għall-egħmilu u l-konsegwenzi li ġab miegħu, il-Qorti hija tal-fehma li, fil-qies taċ-ċirkostanzi tal-każ u l-karattru tal-ħati, ma jkunx spedjenti li twaħħal piena u sejra għalhekk tagħmel ordni għal liberazzjoni kondizzjonata taħt l-artikolu 22 tal-Att dwar il-Probation.

**Għal dawn il-motivi u wara li rat l-artikolu 82(1) tal-Kodiċi Kriminali u l-artikolu 9 tal-Att Dwar is-Sigurta' fl-Ajruportijiet u fl-Avvjazzjoni Ċivili (Kapitolu 405), fuq ammissjoni ssib lil TAHA OSAMA ALI EDRIZ ħati tal-imputazzjonijiet kollha iżda bl-applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Att dwar il-Probation (Kapitolu 446) tilliberah bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien tliet (3) snin.**

**Il-Qorti fissret lill-ħati bi kliem li jiftiehem sew li jekk jagħmel xi reat ieħor matul il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, jista' jingħata sentenza għar-reat oriġinali.**

**Tordna li din is-sentenza tintbagħat b'notifika lill-Ministru tal-Ġustizzja sabiex jieħu ħsieb, jekk jidhirlu hekk xieraq, li jsiru l-emendi meħtieġa biex id-dispożizzjonijiet tal-proviso tal-artikolu 82 tal-Kodiċi Kriminali jistipolaw alternattivi ta' piena li jagħmlu sens.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**